# LIS-SUR NINU CREMONA

Ta' ĠUŻE' DELIA, S.J.

*Bħala rahan tal-ħbiberija tagħna*
*ta' ħafna u ħafna snin.*

Ħadd ma jaf daqsna, ja ħabib, kemm tiswa,
U kemm aħna l-Maltin
Inħossuna mdejnin,
Għall-ħidma bla mistrieħ li ma' tul ħajtek
Tajt b'qalbek kollha biex ilsienna tara
Jarġa' mid-dlam għad-dawl tax-xemx iqum,
Biex minna u mill-barrani,
Kif kien bil-jedd jistħoqqlu, jkun miqjum.

*

Ħadd daqsna ma jaf x'tiswa.
Għax aħna għexna u kbirna dejjem miegħek,
U miegħek isseħibna fit-taqbida.
Biex nagħtu ħajja ġdida
Lil dan l-ilsien li Alla ried jagħtina
Biex ġens inkunu għalina.
U minnek xrobna dik il-ħerqa mħeġġa

Li biha ħabbejniek
U għal snin twal iġġelidna għal jeddijietu
Sakemm fl-aħħar rajnieh
Minn kull xkiel u tweghir ħiereġ rebbieħ.

*

Għax jekk ilsienna llum
Mhux aktar fostna, bħalma kien fl-imgħoddi,
Imkasbar b'kull tmaqdir,
U mhux imwarrab u mistmerr u mżeblaħ,
Għax meqjus bħala lsien dgħajjef u fqir,
Jekk hu miżmum illum
B'għożża qaddisa ġewwa l-qalb ta' ġensna,
Dan lilek fuq kulħadd aħna nafuh.
Għax kont int illi tajtu ħajja u sura
U ġisem b'qalb u ruħ.
Tajtu sura fil-kitba
U fis-sensil tal-kelma,
Sura fil-bini tagħha,
Li int fassalt b'għaqal u b'għerf u mħabba
Fuq ilsna bħalu magħġunin u mnissla,
U rfidtu fuq sisien sħaħ u wieqfa
Tas-swar li jħarsu lil din l-art maltija.

*

Nisthajlu l-ilsien Malti
Meta kien fl-aħjar tiegħu, bħal Dar Sbejħa,
Bħal dar mibnija b'dehen kbir u ġmiel,
Li mbagħad mas-snin, iż-żmien dejjem ħalliel,
Bil-mod il-mod neżżagħha
U serqilha kull seħer li kien tagħha.
U nefħu fuqha r-rwiefen
Rwiefen qalila u ħorox li sawtuha
U bla ħniena ħarbtuha ...
Baqgħu biss wieqfa l-ħnejja,
U l-ħitan u l-pilastri,
Marbuta sħaħ flimkien.
Il-bqija ġġarraf u fuq l-art inxtered
Mat-trabijiet taż-żmien.
Kont int,

Li kellek f'sidrek tħabbat qalb maltija,
Li b'id ta' mgħallem illi jaf senegħtu,
Bdejt tiġbor b'għożża kbira
Il-fdalijiet imxerrda,
U bihom arġajt bnejt din darna mħarbta,
U arġajt għamiltha sħiħa
Kif kienet darba fl-aħjar snin tal-qedem,
B'kull ħajr imżejna u b'kull ġmiel sabiħa.

*

Hekk għaddejt ħajtek fostna,
U għadek sallum, żagħżugħ ta' disgħin sena,
Dejjem tfittex, titħabat,
Dejjem tistinka biex ilsienna torqmu,
W ittih dawl ġdid, sabiex quddiem id-dinja
Jidher fil-kobor tiegħu.
Għax kbir tassew ilsienna
B'kobor li jgħaġġeb lilna u lill-għorrief.
Hu kbir fin-nisel tiegħu
U fil-ġrajjiet li hemm minsuġa miegħu.
Għax għalkemm għaddew fuqu
Nies ta' kull ġens, li ħakmu fuq dil-gżira,
B'ilsna u drawwiet li ma jaqblux ma' tagħna,
Imma ebda setgħa kellha qatt il-ħila
Li toħnoq fih il-ħajja
Li kienet tħabbat ġewwa qalbu sħiħa
Dejjem rebbieħa.

*

Irridu llum nifirħu bik u miegħek
F'egħluq id-disgħin sena,
Ta' l-għomor twil, li bih ried Alla jbierek
Dil-ħajja lieżna tiegħek.
Irridu nixtequlek
Miljiet il-hena, illi l-qalb iferraħ
Miljiet il-hena, illi r-ruħ iserraħ,
U kull barka u kull ġid
Li fil-bqija tas-snin li għad fadallek
Qalbek tkun tista' trid.
U fuq kollox irridu nżżuk ħajr

Tal-ġieh li bih għaraft ilsienna ssebbaħ,
W ittih fost l-ilsna l-oħra
Il-post meqjum li kien b'kull jedd jixraqlu.
Aħna li kbirna miegħek
U dawk li jiġu wrajna, wlied uliedna,
Nibqgħu niftakru fik,
Nibqgħu nitkabbru bik,
W ismek inżommu mnaqqax hawn f'qiegħ qalbna
Biex jibqa' bħal tifkira
Ma' l-isem kbir ta' dawk, l-egħżeż fost ħutna,
Li dejjem għexu u ħadmu,
Sabiex ikabbru l-ġieh ta' din il-Gżira.